# Beati u Qaddisin...Dicembru

## SAN TUMAS BECKET (1118 – 1170)

## DICEMBRU 29



Thomas a Becket kien l-arCisqof ta' Canterbury u safa' maqtul fil-katidral tieghu fid-29 ta' Dicembru 1170. Fehem li ma jistax jaghmel kompromessi ma' dak li kien hazin u ghalhekk waqaf lir-re Neriku II.

Il-karriera tieghu kienet wahda mqallba. Meta kien arcidjaknu ta' Canterbury huwa kien maghzul bhala kancillier ta' l-Ingilterra meta kellu biss 36 sena, minn habibu r-re Neriku II.

Meta Neriku ghazel li jahtar lil Tumas  Becket bhala kancillier, l-arcisqof widdbu li hu mhux ser jaccetta ndhil fil-hwejjeg tal-knisja.

Darba mahtur isqof ta' Canterbury huwa rtira mill-kariga ta' kancillier, u hawn beda' l-inkwiet tieghu mar-re. Neriku ppretenda li jindahal fid-drittijiet tal-knisja. F'mument minnhom, Thomas wasal biex jaghmel kompromess meta accetta l-konstituzzjoni ta' Clarendon li kienet tghid li l-kleru seta' biss jigi pprocessat quddiem qorti ta' l-istat u mhux mill-knisja u kull membru tal-kleru kien ser jitlef id-dritt li jappella Ruma. Imma ma damx wisq ghaliex irregetta kollox u ma accettax din il-konstituzzjoni.  Huwa harab lejn Franza u baqa' eziljat ghal seba' snin.

Meta rritorna lura ssuspetta li dan il-pass kien ser ikun ifisser mewt ghalih. Tumas irrifjuta li jnehhi c-censuri li qieghed fuq l-isqfijiet li appoggjaw il-kostituzzjoni. Neriku meta ra dan it-tfixkil ghajjat: " Ma nsib lil hadd li jehlisni minn dan is-sacerdot."

Erba kavallieri meta semghu x-xewqa tar-re marru fil-katidral u nehhew il-hajja ta' l-isqof Tumas Becket.

Hadd ma jista' jsir qaddis jekk ma johodhiex kontra tieghu nnifsu. Kien jaf li jrid jieqaf lill-hazen u jzomm rett quddiem il-verita' u lfidi.

Ahna bhala Thomas Becket irrid nieqfu lill-pressjonijiet tad-dizonesta, qerq u qerda tal-hajja minkejja li nistghu nitilfu l-popolarita, promozzjoni u vantaggi ohra.